## KUNSILL LOKALI ISLA

## IL-ĦAMES KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU GĦAXRA

Il-laqgħa tal-Kunsill li kellha ssir nhar il-Ġimgħa 2 ta' Settembru, 2005 fis-6.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill f'numru 197, Triq San Ġużepp, Isla.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku |
| | Louis Henwood | - | Kunsillier |
| Skużati: | Charmaine Gerada | - | Kunsillier |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Udjenza : | 0 | | |

**AĠENDA**

(1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti.
(2) Kommunikazzjoni mis-Sindku.
(3) Mistoqsijiet.
(4) Tender Paving and Resurfacing.
(5) Kuntratt tas-Segretarju Eżekuttiv.
(6) Clerk mal-Kunsill.
(7) Grawnd tal-Football.
(8) Information Map.
(9) Riżoluzzjonijiet.
(10) Town-Twinning (Abruzzo).
(11) Malta Historic Cities Festival.
(12) Approvazzjoni u l-iffirmar ta' ordnijiet ta' pagamenti.

### 10 (1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti

Tressqu l-Minuti tal-laqgħat numru 8 u 9 għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Dawn ittieħdu bħala moqrija billi ġew iċċirkolati minn qabel.

10 (1).1 Il-Kunsillier Louis Henwood issekondat mill-Viċi Sindku Walter Ahar ippropona li l-Minuti tal-laqgħa numru tmienja (8) jiġu approvati kif ippreżentati. Dawn ġew approvati nem. con.

10 (1).2 Il-Viċi Sindku Walter Ahar issekondat mill-Kunsillier Louis Henwood ippropona biex il-Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru disa' (9) jiġu approvati kif ippreżentati. Il-Kunsill approva dawn il-minuti nem. con.

## 10 (2) Kommunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku Joseph Cahsa ta rendikont tal-laqgħat u l-ħidma li saret mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill.

10 (2).1 Attivita' mill-"Ministries to Malta" fix-Xatt ( 05/08/05)

Grupp volontiera mill-America tellgħu attivita' soċjail u kulturali fix-Xatt ta' l-Isla għat-tfal. Wara żaru l-Kunsill fejn sar bdil ta' rigali.

10 (2).2 Egħluq uffiċjail tal-proġett "Summer Club" (08/08/05)

Dan l-egħluq sar b'serata kulturali u edukattiva fi Ġnien il-Gardjola fejn barra t-tfal u l-ġenituri tagħhom, li ħadu sehem f'dan il-proġett ġew mistiedna l-amministraturi ta' l-FES.

Kienu preżenti u ndirizzaw il-miġemgħa Dr. Louis Galea, Ministru għaż-żgħażagħ u l-Edukazzjoni u Karmenu Abela, Shadow Minister għall-Edukazzjoni.

Saru diskorsi għall-okkażjoni kif ukoll bibita'.

10 (2).3 ktieb ta' Ħrejjef mill-Ewropa – Skola Dom Mauro Inguanez (09/08/05)

F'laqgħa li s-Sindku kellu mal-Kap ta' l-Iskola, l-Assisstent Kap u l-President tal-Kunsill Skolastiku, il-Kunsill intalab biex ikopri l-ħlas ta' dawn il-kotba li ġew stampati bħala riżultat tas-sehem ta' din l-iskola fil-proġett Comenius.

Is-Sindku nforma li l-Kunsill li qed jaqbel fil-prinċipju li tingħata dina l-għajnuna imma dejjem skond kif titlob il-liġl tal-Kunsilli Lokali (a) f'kull ktieb irid jitniżżel li ingħataw b'donazzjoni mill-Kunsill u (b) li l-pagament ikun imqassam fuq tlett darbiet. Il-Kap ta' l-Iskola u s-Sindku kellhom jaraw dwar dan mad-Direttur tal-Kunsilli Lokali.

Jekk ikun hemm qbil dwar dan il-Kunsill iressaq riżoluzzjoni għall-approvazzjoni.

10 (2).4 Valletta Waterfront (16/08/05)

Is-Sindku Joseph Cahsa attenda għal din il-laqgħa dwar kif il-Kunsilli Lokali jistgħu jgħinu biex jiġu organiżżati attivitajiet fil-Port.

10 (2).5 Żjara privata f'Malta mis-Sindku ta' Cassino Bruno Scittarelli ( 16 – 19/08/05)

Waqt żjara privata li saret fuq stedina tas-Sindku Joseph Casha, lis-Sindku ta' Cassino Bruno Scittarelli, il-Kunsill organiżża ikla għall-Kunsilliera u l-istaff tal-Kunsill ġewwa Marsascala.

10 (2).6 Proġett – New EPOC (01/09/05)

Is-Sindku Joseph Casha flimkien mas-Sindki tal-Kottonera u tal-Kalkara kellhom laqgħa ma' l-MEP Joseph Muscat fejn ġie mfisser lilhom xi jfisser dan il-proġett u x'wieħed jista' jagħmel biex jipparteċipa fih għaż-żmien li ġej.

Ġie propost li tinħatar leading locality biex tibda tmexxi għall-parteċipazzjoni f'dan il-proġett.

10 (2).7 Grupp ta' żgħażagħ minn Cassino fl-Isla (20-28/08/05)

Is-Sindku qara rapport dwar iż-żjara ta' 10 żgħażagħ minn Cassino li fuq stedina tal-Kunsill ġew jistudjaw l-Ingliż f'Malta. Huwa fisser li l-Kunsill kellu jidħol f'aktar spejjeż milli kien mistenni għall-fatt li mal-Grupp kien hemm is-Segretarju eżekuttiv u s-Sinjura tiegħu.

Kopja ta' dan ir-rapport flimkien mal-lista ta' l-ispejjeż involuti hija mehmuża ma' dawn il-minuti. (Korrispondenza 04/1958/05).

10 (2).8 Żjara fil-Belt ta' Hamm fil-Ġermanja (10-12/08/05)

Is-Sindku Joseph Casha ressaq rapport dwar iż-żjara li huwa għamel flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv fil-blet ta' Hamm fil-Ġermanja fuq stedina tas-Sinku ta' Hamm.

Matul din iż-żjara ġew diskussi proġetti u punti li jistgħu jsaħħu l-ħidma future bejn iż-żewġt ibliet. Kopja ta' dan ir-rapport hija mehmuża ma' dawn il-Minuti.

Diskorsi tas-Sindku Joseph Casha u tas-Sindku ta' Hamm mehmuża.

## 10 (2).9 Korrispondenza

Lista tal-Korrispondenza mibgħuta u riċevuta bejn l-4 ta' Awwissu, u l-1 ta' Settembru, 2005 ġiet ippreżentata waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

*04/1913/05/I* *MEPA Applikazzjoni 01724/05 / 3932/05*
*04/1914/05/I*
*04/1944/05/I*

Il-Kunsill ma' kellux oġġezzjoni għal dawn l-applikazzjonijiet.

*04/1912/05/I* *Talba mid-Direttur ta' Dar Sant'Anna*

Il-Kunsill qabel lid an ir-reserved parking jiġl ffriskat biż-żebgħa.

*04/193605/I* *Devoluzzjoni ta' Mħażen biswit il-Maċina*

Kopja ta' ittra li d-Dipartiment għall-Gven Lokali bagħat lit-Taqsima Propjeta' tal-Gvern dwar it-talba għad-Devoluzzjoni ta' dawn l-imħażen lill-Kunsill Lokali.

*04/193 /05/I* *Kiddie Rides (04-08/09/05)*

Il-Kunsill approva din it-talba.

*04/1955/05/I* *Talba għal no Parking fl-okkażjoni ta' Tieġ*

Il-Kunsill approva di nit-talba għal no parking temporanja f'Misraħ 4 ta' Settembru, 2005 bejn il-11.00am u l-12.00pm.

*04/1957/05/I* *Talba għall-Użuu tas-Sala tal-Kunsill*

Il-Kunsill laqa' din it-talba mis-Sinjura Sandra Farrugia għat-18 ta' Ottubru, 2005.

*04/1958/05/I* *Konferenza "Identitiy & Difference"*

Ittra mis-Sur Joe Abela fejn informal ill-Kunsill b'dak li bagħat lil Culture Tracks.

Għall-Kunsill dan il-każ huwa magħluq.

*04/1964/05/I*

*04/1968/05/I* *Laqgħa maċ-Chairman tal-Malta Drydocks*

Il-Kunsillier Louis Henwood bagħat email bit-tagħrif dwar laqgħa li huwa kellhu maċ-Chairman fl-24 ta' Lulju, 2005.

*04/1970/05/I* *Talba għal ħruq ta' Nar*

Il-Kunsill ma' kellux oġġezzjoni biex isir ħruq ta' nar mill-Għaqda Festi Esterni Maria Bambina sakemm din it-talba hija konformi mal-liġijiet u kundizzjonijiet mitlub u skond kif ġie mitlub.

Dan sar fuq l-istess linja li l-Kunsill iddeċidea s-sena l-oħra. (Kopja ta' l-ittra mehmuża).

*04/1971/05/I* *Konferenza – Kollaborazzjoni bejn Malta u r-Renju Unit*

Din il-Konferenza li ser titella' nhar it-28 u d-29 ta' Settembru, 2005 fil-Phoenicia Hotel u fl-Exchange Buildings, Valletta mill-MIC. Għalija ser jattendu s-Sindku Joseph Casha u s-Segretarju Eżekuttiv Alphonse Zammit u l-Kunsillier Louis Henwood.

*04/1978/05/I* *Laqgħat ma' Uffiċjail tal-Pulizija*

Il-Kunsill ser jagħmel dawn il-laqgħat.

L-ewwel laqgħa ser issir ma' l-ispettur tas-CID.

*04/1984/05/I*

*04/1988/05/I* *Biex Inti Tgħix Aħjar*

Il-Kunsill irċieva dan id-dokument mill-Prim Ministru Lawrence Gonzi.

*04/1994/05/I* *World Tourism Day ( 26/09/05)*

Il-Kunsill ġie mistieden mill-MTa biex jieħu sehem f'din l-attivita'.

*04/2010/05/I* *Żjara tar-reġina f'Malta ( Novembru, 2005)*

Is-Sur Rory O'Brian mill-British High Commission wieġeb lill-Kunsill għal dak li kiteb il-Kunsillier Louis Henwood.

*04/2013/05/I* *AKL Ċirk 49/2005*

Din iċ-ċirkulari hija dwar ir-regolamenti ġodda dwar l-iskart. Tweġiba trid tingħata sal-31 ta' Awwissu, 2005.

Il-Kunsill qabel li jipparteċipa f'din l-iskema b'dawn il-kundizzjonijiet. L-AKL ser tiġi nfurmata.

*04/2020/05/I* *Programm fuq Smash TV*

Il-Kunsill ma' qabilx li jaċċetta din il-proposta.

*04/2023/05/I* *Website u Film tal-Kottonera*

Il-Kumitat Konġunt tal-Kottonera talab lill-Kunsill il-koperazzjoni tiegħu dwar dak li jinħtieġ li jsir fil-lokal bħala preparamenti biex ikunu jistgħu jinġiebu ritratti u film għal dan il-proġett.

*04/2024/05/I Proġett Town Twinning*

Klarifikazzjoni dwar jekk għandhux jiġi mistieden għal din il-Konferenza l-President tal-Fondazzjoni M. C. Escher u l-Ambaxxatur Olandiż.

*04/2029/05/I Rapport dwar Indafa tal-Latrini fil-Lokal*

Il-Kunsill irċieva dan ir-rapport.

*04/2037/05/I Bring-in-Sites fil-lokal ta' l-Isla*

Il-Kunsill approva tnejn mit-tlett siti proposti mill-Waste Serv Malta Ltd – Misraħ Ġorġ Mitrovich u fuq Is-Sur kantuniera ma' Triq San Mikiel.

*04/2042/05/I Xogħol li kien sar fi Pjazza J. B. Azopardo*

Il-Kordinatur tal-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera informal ill-Kunsill li d-Dipartiment tax-Xogħlijiet qiegħed isostni li dan kien ħallas lil Kalaxlokk u li kienu in order u ma' kellhux ħlasijiet oħra x'jagħmel. Is-Sindku nsista lid an il-każ mhux ser jieqaf hawn u l-Kunsill mhux se jbati l-flus li kien ħareġ għall-kuntrattur Silvar Construction.

Għalhekk ma' setgħax jilqa' t-talba tal-Kunsill għal ħlasijiet oħra għax-xogħol li kien għamel il-Kunsill flok Kalaxlokk.

*04/2059/05/I Tindif ta' Misraħ 4 ta' Settembru ma' l-ADT*

Din l-Awtorita nfurmat lill-Kunsill li hija hiex responsabbli miż-żjut li jħallu l-karozzi tal-linja f'dan il-Misraħ.

*04/2061/05/I Tilqim kontra l-Influwenza fil-Kunsilli*

Il-Kunsill qabel li jagħti dan is-servizz mill-Bini tal-Kunsill lil dawk li jkollom 'il fuq minn 55 sena. Il-Kunsill ser joħroġ avviż dwar dan.

*04/2065/05/I AKL Ċirk 51/2005 – Ftehim mal-Maltacom*

Il-Kunsill qabel japprova dan il-ftehim xtaq li jkollu laqgħa mas-Sur Charles Zammit mill-Maltacom ħalli jiġu ċċarati diversi problemi li għandu dan il-Kunsill. Ser iisr laqgħa nhar il-Ħamis 15 ta' settembru, 2005 fid-9.00am fil-Kunsill.

*04/2074/05/I Sigħat ta' Warden fl-Isla*

Il-Kunsill qabel li n-numru ta' sigħat jitilgħu għal sitt sigħat fil-ġimgħa. Jekk ir-rata tal-warden jiżdied, il-Kunsill inaqqas in-numru ta' sigħat li għandu llum.

*04/2084/05/I* *Użu tas-Sala tal-Kunsill (16/09/05)*

Il-Kunsill approva din it-talba għall-festin tat-tifel ta' din il-familja.

*04/2088/05/I* *Talba biex tiġi mfakkra Vitorin Galea*

Għalkemm il-Kunsill jaqbel mal-proposta xtaq li jitkellem aktar fid-dettal ma' bintha Norma Cristina li għamlet it-talba. Is-Sindku talab biex din l-ittra l-ewwel tiġi ndirizzata mis-Sotto Kumitat tal-Kunsillier Louis Henwood fejn uma jagħtu r-rakkomandazzjoni tagħhom.

*04/2100/05/I* *Road Markings and Signs*

Il-Kunsill irċieva rapport dwar il-kundizzjoni ta' dawn fil-lokal.

*04/2103/05/I* *Anzjan/a tas-Sena 2005*

Il-Kunsill ġie mistieden biex jipproponi persuna mil-lokal għal dan il-ġieh.

*04/2111/05/I* *Kors għall-adulti dwar l-Ilsien Malti*

Il-Kunsill laqa' t-talba biex dan il-kors jittella' fis-Sala tal-Kunsill u biex isib nies mil-lokal li Xtaqu jiktbu u jitgħallmu l-Malti. Kors Ottubru, 2005 / Mejju, 2006.

*04/2112/05/I* *Parlament taż-Żgħażagħ – 15 ta' settembru, 2005*

Is-Sindku Joseph Casha ġie mistieden biex jattendi għal din is-sessjoni li saret fil-Parlament.

*04/2119/05/I* *Town Twinning ma' bliet Ingliżi*

Il-Kunsill laqa' l-proposta mill-High Commissioner Ingliż biex isir stħarriġ kif jistgħu jinbdew Kuntatti ma' bliet Ingliżi għall-għan ta' town twinning. Hemm forola biex timtela'.

*04/2120/05/I* *Dokument dwar il-Konferenza Town Twinning*

Il-Kunsill irċieva mill-Culture Tracks dokumenti relatati ma' din il-Konferenza.

*04/2125/05/I* *Talba għal imwejjed fi Pjazza J. B. Azopardo*

Il-Kunsill qabel mat-talba biex Andrew Winters ikollu permess li jpoġġi mwejjed f'din il-Pjazza bil-kundizzjoni li jieħu ħsieb il-latrini li hemm.

*04/2126/05/I* *Litter Act Regulations*

Il-Kunsill għandu sal-15 ta' settembru, 2005 biex jiddeċiedi jekk hux sejjer jipparteċipa f'dan il-proġett.

*Week End seminar f'Għawdex*

Żgħażagħ mil-lokal ġew mistiedna biex jattendu għal dan is-seminar imtella' mill-Youth & Employment fi ħdan il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni u li dan is-seminar huwa mħallas mill-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropeja. Id-Data ta' l-egħluq hij l-10 ta' Ottubru, 2005.

*Ħlasijiet tat-Tribunal*

Iċ-Chairman tal-Kumitat Konġun t LES informal ill-Kunsill bir-rati tal-ħlas il-ġodda. (Korrispondenza mehmuża).

## 10 (3) Mistoqsijiet

Il-Kunsillier Louis Henwood staqsa x'inhu l-pass li jmiss wara l-laqgħa li kienet saret maċ-Chairman tal-Malta drydocks dwar is-sit ta' taħt l-Arloġġ u St, Michael's Press.

10(3).1 Il-Kunsill qabel li din il-kwistjoni titpoġġa għad-diskussjoni fuq l-aġenda tal-laqgħa li jmiss.

10(3).2 Għandha tintbagħat ittra liċ-chairman tal-Malta Drydocks.

10(3).3 Rigward Ġnien il-Gardjola u s-Sala tal-Kunsill, il-Kunsill qabel li ssir laqgħa ma' l-avukat sabiex isiru l-bye-laws.

10(3).4 Notice to swimmers near pontoons. Biex issir notice għas-spejjeż ta' Grand Harbour Marina Ltd. Diskussjoni ma' Anna Tabone.

## 10 (4) Tender Paving and Resurfacing

Mid-deċiżjoni tal-board il-Kunsill iddeċiedi li t-tender għandu jingħata lil CatBros, is-Sindku qal li bgħatna għalih xahar ilu u resaq l'hawn ġimgħa ilu.

(i) Kont ħafna iebes miegħu għax ma' ġiex jiddiskuti magħna.

(ii) Għidtlu bil-ħsibijiet tal-Kunsill u l-kundizzjonijiet dwar ħlas.

(iii) Qalli li se jitkellem mal-Perit u jibgħat risposta fi żmien tlett ijiem.

(iv) Dan reġa ma' resaqx l'hawn u tlabt lis-Segretarju Eżekuttiv biex joħroġ din l-ittra lill-kuntratturi l-oħra.

## 10 (5) Kuntratt tas-Segretarju Eżekuttiv

Il-Kunsill approva t-talba tas-Segretarju Eżekuttiv biex il-kuntratt tiegħu jerġa jiġi mġedded għal tlett snin oħra b'effett mill-1 ta' Jannar, 2006 sal-31 ta' Diċembru, 2008.

Fil-preżenza tas-Segretarju Eżekuttiv is-Sindku tkellem miegħu kif nistgħu ntejjbu aktar ix-xogħol tal-Kunsill.

## 10 (6) Clerk mal-Kunsill

Is-Sindku Joseph Casha informal ill-Kunsill li l-Bord ta' l-Għażla li kien ser ikun iffurmat mi-Sindku Joseph Casha, is-Segretarju Eżekuttiv Alphonse Zammit, is-Sur Kevin Borg, Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill Lokali Paola u s-sur Arthur Napier, President tal-Kunsill Skolastiku, ser jagħmel l-interviews nhar it-Tnejn 5 u t-Tlieta 6 ta' Settembru, 2005.

## 10 (7) Grawnd tal-Football

Saret l-applikazzjoni biex napplikaw quddiem il-MEPA sabiex jitneħħa parti mit-taraġ ħalli l-Pitch 14 x 31 metres joqgħod tajjeb.

## 10 (8) Information Map

Irċevejna risposta mill-Manager tal-Hotel San Antonio li huma lesti li jisponsorjaw fuq din il-mappa basta tidħol il-logo tal-lukanda. Ma' din hemm ukoll l-isponsorship tal-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera. Ġie ppreżentat draft ta' tibdil li sar f'din il-mappa minn designer ġdid.

## 10 (9) Riżoluzzjonijiet

Ma' kienx hemm riżoluzzjonijiet ippreżentati lill-Kunsill.

## 10 (10) Town-Twinning (Abruzzo)

Ser jiġu 4 Sindki flimkien ma' 50 parteċipant mir-Reġġjun ta' Abruzzo kif ukoll is-Sindku ta' Cordoba u għaxar parteċipanti. Hemm possibilta' kbira li Abruzzo joqgħodu 4 nights mis-7 sal-11 ta' Ottubru, 2005 u ta' Cordoba 3 nights.

Konferenza ssir filgħodu biss għal jumejn bejn it-8 u d-9 ta' Ottubru, 2005.

Iridu jkunu jafu kemm se tiswa f'sens jekk hux se jħallsu tal-flight biss jew flight u accommodation.

Jiddependi kemm huma l-ispejjeż ta' l-organiżazzjoni tal-konferenza, trasport u translaters, għax jekk jibqa' mill-flus ta' l-EU nistgħu nraħħsu r-rata ta' l-ispejjeż għall-accommodation.

Ġie ppreżentat u approvat il-programm sħiħ għal din il-konferenza.

## 10 (11) Malta Historic Cities Festival

Programm mehmuż ma' dawn il-Minuti kif inhu proponut mill-awtorita Maltija għat-Turiżmu. Sar qbil li ssir laqgħa għas-Segretarji u s-sidien tal-bars fi Triq il-Vitorja.

## 10 (12) Approvazzjoni u l-iffirmar ta' l-ordnijiet ta' pagamenti

Fuq proposta tal-Kunsillier Louis Henwood, issekondat mill-Viċl Sindku Walter Ahar il-Kunsill approva l-ħlas ta' pagamenti ta' Lm 4, 790.51ċ u Lm 4, 472.22ċ li jammontaw għal Lm 8, 262.73ċ.

Il-Kunsill approva dawn it-talbiet u ser titressaq riżoluzzjoni fil-laqgħa li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmgħet fit-8.35pm.

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ________________________________________

________________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

________________________ ________________________

Joseph Casha
Sindku

Alphonse Zammit
Segretarju Eżekuttiv